

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-31 ta' Marzu 2009, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-146/07, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Luigi Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

(¹) ĠU C 193, 15.8.2009.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Marzu 2011
— 1. garantovaná vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-392/09 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa — Garanzija bankarja — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Fumus boni juris — Dannu finanzjarju — Ċirkustanzi eċċezzjonali — Urġenza — Bilanċ ta' interessi — Sospensjoni parzjali u kundizzjonali”)

(2011/C 152/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: 1. garantovaná a.s. (Bratislava, is-Slovakkja) (rappreżentanti: inizjalment minn M. Powell, solicitor, A. Sutton u G. Forwood, barristers, sussegwentement minn M. Powell u G. Forwood)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Bourke u N. von Lingen, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/39.396 — Reaġenti abbażi ta' karbur tal-kalċju u ta' manjesju għall-industrija tal-azzar).

Dispożittiv

(1) It-talba għal intervent ta' Jaroslav Červenka, Milan Hošek, Roman Murar, Adrián Vološin, Milan Kasanický u Peter Fratič hija miċħuda.

(2) L-obbligu fuq ir-rikorrenti, 1. garantovaná a.s., li tipprovdi favur il-Kummissjoni Ewropea garanzija bankarja sabiex tevita l-irkupru immedjat tal-multa imposta fuqha permezz tal-Artikolu 2 tad-

Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/39.396 — Reaġenti abbażi ta' karbur tal-kalċju u ta' manjesju għall-industrija tal-azzar) huwa sospiż sakemm iseħħ l-ewwel miż-żewġ avvenimenti li ġejjin:

— meta jimmatūra s-self fit-tul fil-11 ta' Lulju 2012;

— id-deċiżjoni tas-sentenza li ttemm il-kawża prinċipali;

u bil-kundizzjoni li:

— min-notifika ta' dan id-digriet, ir-rikorrenti ma tistax titrasferixxi, la direttament u lanqas indirettament, is-sehem tagħha fis-sussidjarja tagħha G1 Investment Ltd mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni;

— f'terminu ta' xahar min-notifika ta' dan id-digriet, ir-rikorrenti tippreżenta bil-miktub lill-President tal-Qorti Ġenerali l-ftehim li jipprovdi li s-sussidjarja tagħha G1 Investment u s-sussidjarja ta' din tal-aħħar, ma jistgħux jitransferixxu l-attivi tagħhom lil terz mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni;

— min-notifika ta' dan id-digriet, ir-rikorrenti tħallas lill-Kummissjoni s- somma ta' EUR 2,1 miljun;

— f'terminu ta' xahar min-notifika ta' dan id-digriet, u sussegwentement kull tliet xhur sad-deċiżjoni tas-sentenza fil-kawża prinċipali, jew f'kull avveniment li jista' jkollu influwenza fuq il-kapaċità futura li tħallas il-multa imposta, ir-rikorrenti tippreżenta bil-miktub lill-Kummissjoni rapport dwar l-iżvilupp tat-attivi tagħha, u b'mod iktar partikolari tal-investiment fit-tul tagħha.

(3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2011 — Noko Ngele vs Il-Kummissjoni et

(Kawża T-15/10) (¹)

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Rikors parzjalment ippreżentat quddiem qorti li ma għandhiex kompetenza — Rikors parzjalment inammissibbli — Nuqqas ta' rabta kawżali — Rikors parzjalment manifestament infondat fid-dritt — Artikoli 111 u 114 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali”)

(2011/C 152/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Mariyus Noko Ngele (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: F. Sabakunzi, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bordes, aġent), AT (Brussell, il-Belġju), AU (Brussell), AV (Brussell); u AW (Brussell)